



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 29.6.2012
COM(2012) 345 final

2012/0166 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim f'għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bl-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, l-Unjoni Ewropea kabbret l-unjoni doganali tagħha. Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea kienet obbligata, skont ir-regoli tad-WTO (GATT Artikolu XXIV:6), li tidħol f'neozjati mal-Membri tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar fl-iskedi ta' kwalunkwe Membru li ssieħeb sabiex ikun hemm qbil dwar aġġustament kumpensatorju. Aġġustament ta' dan it-tip ikun dovut jekk l-adozzjoni tar-reġim estern tat-tariffi tal-UE jirriżulta f'żieda fit-tariffa lil hinn mil-livell li l-pajjiż li qed jaċċedi ntrabat bih fid-WTO, filwaqt li “jitsqes sew it-tnaqqis tad-dazji fuq l-istess linja tariffarja li sar minn kostitwenti oħrajn tal-unjoni doganali malli ġiet iffurmata”.

Fid-29 ta' Jannar 2007, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati bis-saħħa tal-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994. Il-Kummissjoni nnegożjat mal-Membri tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar fir-rigward tal-irtirar ta' konċessionijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-irtirar tal-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea.

In-neozjati mal-Istati Uniti tal-Amerika rriżultaw fabbozz ta' Ftehim f'għamlta ta' Skambju ta' Ittri li ġie inizjalizzat min-naħħa tal-UE fil-21 ta' Diċembru 2011 fi Brussell u min-naħħa tal-Istati Uniti fis-17 ta' Frar fWashington D.C..

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

In-neozjati tmexxew mill-Kummissjoni fil-qafas tad-direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill. Il-Kunsill (TPC) u l-Parlament Ewropew (INTA) ġew infurmati bit-test tal-abbozz tal-ftehim qabel ma ġie inizjalizzat.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Din il-proposta titlob lill-Kunsill jawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim f'għamlta ta' Skambju ta' Ittri mal-Istati Uniti tal-Amerika. B'mod parallel, qiegħda titressaq wkoll proposta separata dwar il-konklużjoni ta' dan il-Ftehim.

Għaldaqstant, ir-Regolament ta' implementazzjoni se jiġi adottat mill-Kummissjoni, kif previst fl-Artikolu 144 tar-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq Unika (OKS) (ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007) u fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1216/2009 li jistabbilixxi l-arrangġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-iproċessar tal-prodotti agrikoli.

Proposta għal

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim f'għamlu ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Jannar 2007, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' ċerti Membri oħrajn tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ skont l-Artikolu XXIV:6 tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994, matul l-adeżjonijiet mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija.
- (2) In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni fi ħdan il-qafas tad-direttivi ta' negozjar adottati mill-Kunsill.
- (3) Dawn in-negozjati ġew fi tmiemhom u l-Ftehim f'għamlu ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea (il-Ftehim) ġie inizjalizzat minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea nhar il-21 ta' Diċembru 2011 u minn rappreżentant tal-Istati Uniti tal-Amerika nhar is-17 ta' Frar 2012.
- (4) Il-Ftehim għandu jiġi ffīrmat,

ADOTTA DIN ID-DECİJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim f'għamlu ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea (“il-Ftehim”) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim.

It-test tal-Ftehim li għandu jiġi ffírmat huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakħar tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

FTEHIM F'GĦAMLA TA' SKAMBJU TA' ITTRI

Bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ĝeneralu dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea

A. Ittra mill-Unjoni Ewropea

Post, data

Sinjur,

Wara n-negożjati skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ĝeneralu dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika fl-Iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea, għandi l-unur nikkonferma l-ftehim li ġej:

1. L-Unjoni Ewropea għandha, b'mod li jkun vinkolanti, tinkorpora fl-Iskeda tad-WTO tagħha għat-territorju doganali tal-UE 27, il-konċessjonijiet li kienu inklużi fl-iskeda tagħha tat-territorju doganali tal-UE 25 bil-modifikasi stipulati f'din l-ittra.

Jiżdiedu 4680 tunnellata mal-kwota tar-rata tariffarja tal-UE allokata għall-pajjiż (l-Istati Uniti), għal "laħam u l-ġewwieni li jittiekel tat-tjur, frisk, imkessaħ jew iffriżat", filwaqt li jinżammu r-rati tal-kwota kontinġenti eżistenti.

(numri tariffarji tal-prodott 0207 1110, 0207 1130, 0207 1190, 0207 1210, 0207 1290, 0207 1310, 0207 1320, 0207 1330, 0207 1340, 0207 1350, 0207 1360, 0207 1370, 0207 1410, 0207 1420, 0207 1430, 0207 1440, 0207 1450, 0207 1460, 0207 1470, 0207 2410, 0207 2490, 0207 2510, 0207 2590, 0207 2610, 0207 2620, 0207 2630, 0207 2640, 0207 2650, 0207 2660, 0207 2670, 0207 2680, 0207 2710, 0207 2720, 0207 2730, 0207 2740, 0207 2750, 0207 2760, 0207 2770, 0207 2780);

Jiżdiedu 200 tunnellata fil-kwota tar-rata tariffarja tal-UE allokata għall-pajjiż (l-Istati Uniti) għal "prieżet u flettijiet bla għadam iffriżati", filwaqt li tinżamm ir-rati tal-kwota kontinġenti preżenti ta' 250 EUR/t (numri tariffarji tal-prodott ex 0203 1955 u ex 0203 2955);

Tinħoloq kwota tar-rata tariffarja allokata għall-pajjiż (l-Istati Uniti) ta' 1550 tunnellata għall-"preparazzjonijiet tal-ikel", b""Element Agrikolu" tar-rata tal-kwota kontinġenti (numru tariffarju tal-prodott 2106 9098);

Jiżdiedu 600 tunnellata (erga omnes) fil-kwota tar-rata tariffarja tal-UE għal "qatħat tal-majjal domestiku, friski, imkessħa jew iffriżati, bl-għadam jew mingħajr, eskluż il-flett, ippreżentati separatament" (numri tariffarji tal-prodott 0203 1211, 0203 1219, 0203 1911, 0203 1913, 0203 1915, ex 0203 1955, 0203 1959, 0203 2211, 0203 2219, 0203 2911, 0203 2913, 0203 2915, ex 0203 2955, 0203 2959);

Jiżdiedu 500 tunnellata (erga omnes) fil-kwota tar-rata tariffarja tal-UE għal "qatħat tat-tiġieġ, friski, imkessħa jew iffriżati", filwaqt li jinżammu r-rati tal-kwota kontinġenti eżistenti (numri tariffarji tal-

prodott 0207 1310, 0207 1320, 0207 1330, 0207 1340, 0207 1350, 0207 1360, 0207 1370, 0207 1420, 0207 1430, 0207 1440, 0207 1460);

Jiżdiedu 400 tunnellata (erga omnes) fil-kwota tar-rata tariffarja tal-UE għal "qatħat tal-pollam", filwaqt li tinżamm ir-rata tal-kwota kontinġenti ta' 795 EUR/t (numru tariffarju tal-prodott 0207 1410);

Jiżdiedu 580 tunnellata (erga omnes) fil-kwota tar-rata tariffarja tal-UE għal "laħam tad-dundjan, frisk, imkessaħ jew iffriżat" filwaqt li jinżammu r-rati tal-kwota kontinġenti eżistenti (numri tariffarji tal-prodott 0207 2410, 0207 2490, 0207 2510, 0207 2590, 0207 2610, 0207 2620, 0207 2630, 0207 2640, 0207 2650, 0207 2660, 0207 2670, 0207 2680, 0207 2730, 0207 2740, 0207 2750, 0207 2760, 0207 2770);

Jekk il-proċeduri interni kollha meħtieġa biex l-UE tinkorpora b'mod vinkolanti l-modifiki stipulati f'din l-ittra fl-iskeda tad-WTO tagħha ma jitlestewx sa 60 jum qabel ma jiskadi l-perjodu għall-Istati Uniti biex jeżerċitaw id-dritt tagħha li tirtira konċessjonijiet sostanzjalment ekwivalenti skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT, l-UE għandha titlob lill-Kunsill tad-WTO għall-Kummerċ fil-Merkanzija, jaaprova estensjoni għall-perjodu qabel ma dan jiskadi. Estensjoni ta' dan it-tip għandha tkun twila bizzżejjed biex tiżgura li dawk il-proċeduri interni kollha tal-UE jitlestew sa 60 jum qabel ma jiskadi l-perjodu għall-Istati Uniti biex teżerċita drittijietta skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT.

2. Fil-waqt tan-negozjati tal-modifiki stipulati hawn fuq, kif ukoll dawk relatati mat-tkabbir tat-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea biex dan ikun jinkludi r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, l-Istati Uniti tal-Amerika, għandhom fi żmien 21 jum mid-dħul fis-seħħi ta' dan il-ftehim, jibagħtu għall-pubblikazzjoni fir-Reġistru Federali, avviż li jimmodifika l-kwoti ta' importazzjoni tar-rata tariffarja għall-ġobnijiet allokati għall-Unjoni Ewropea fin-noti addizzjonali tal-Istati Uniti 16, 17, 18, 19, 20, 21, 22, 23 u 25 tal-Kapitolu 04 tal-Iskeda Tariffarja Armonizzata tal-Istati Uniti biex din tirrifletti t-tkabbir tat-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea biex dan ikun jinkludi l-Bulgarija u r-Rumanija.

3. Jistgħu jsiru konsultazzjonijiet fi kwalunkwe mument rigward il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq, fuq talba ta' waħda mill-partijiet.

Napprezza jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel mal-kontenut ta' din l-ittra. Għandi l-unur nippoproponilek li jekk ikun il-każ, din l-ittra flimkien mal-konferma tiegħek ikunu jikkostitwixxu Ftehim f'għaml ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika (il-"Ftehim").

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti għandhom jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub dwar it-tlestija ta' kwalunkwe proċeduri interni li jkunu neċċesarji għad-dħul fis-seħħi ta' dan il-Ftehim. Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħi fi żmien 14-il jum wara d-data tal-wasla tal-aħħar notifika.

Dejjem tiegħek,

Għall-Unjoni Ewropea

B. Ittra mill-Istati Uniti tal-Amerika

Post, data

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek ta' ..., li tgħid hekk:

Wara n-negozjati skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika fl-Iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea, għandi l-unur nikkonferma l-ftehim li ġej:

1. L-Unjoni Ewropea għandha, b'mod li jkun vinkolanti, tinkorpora fl-Iskeda tad-WTO tagħha għat-territorju doganali tal-UE 27, il-konċessjonijiet li kienu inklużi fl-iskeda tagħha tat-territorju doganali tal-UE 25 bil-modifikasi stipulati f'din l-ittra.

Jiżdiedu 4680 tunnellata mal-kwota tar-rata tariffarja tal-UE allokata għall-pajjiż (l-Istati Uniti), għal- "laħam u l-ġewwieni mangabbli tat-tjur, frisk, imkessaħ jew iffriżat", filwaqt li jinżammu r-rati tal-kwota kontinġenti eżistenti.

(numri tariffarji tal-prodott 0207 1110, 0207 1130, 0207 1190, 0207 1210, 0207 1290, 0207 1310, 0207 1320, 0207 1330, 0207 1340, 0207 1350, 0207 1360, 0207 1370, 0207 1410, 0207 1420, 0207 1430, 0207 1440, 0207 1450, 0207 1460, 0207 1470, 0207 2410, 0207 2490, 0207 2510, 0207 2590, 0207 2610, 0207 2620, 0207 2630, 0207 2640, 0207 2650, 0207 2660, 0207 2670, 0207 2680, 0207 2710, 0207 2720, 0207 2730, 0207 2740, 0207 2750, 0207 2760, 0207 2770, 0207 2780);

Jiżdiedu 200 tunnellata fil-kwota tar-rata tariffarja tal-UE allokata għall-pajjiż (l-Istati Uniti) għal "prieżet u flettijiet bla għadam iffriżati", filwaqt li tinżamm ir-rati tal-kwota kontinġenti preżenti ta' 250 EUR/t (numri tariffarji tal-prodott ex 0203 1955 u ex 0203 2955);

Tinħoloq kwota tar-rata tariffarja allokata għall-pajjiż (l-Istati Uniti) ta' 1550 tunnellata għall- "preparazzjonijiet tal-ikel", b'"Element Agrikolu" tar-rata ta' kwota kontinġenti (numru tariffarju tal-prodott 2106 9098);

Jiżdiedu 600 tunnellata (erga omnes) fil-kwota tar-rata tariffarja tal-UE għal "qatħat tal-majjal domestiku, friski, imkessħa jew iffriżati, bl-għadam jew mingħajr, eskluż il-flett, ippreżentati separatament" (numri tariffarji tal-prodott 0203 1211, 0203 1219, 0203 1911, 0203 1913, 0203 1915, ex 0203 1955, 0203 1959, 0203 2211, 0203 2219, 0203 2911, 0203 2913, 0203 2915, ex 0203 2955, 0203 2959);

Jiżdiedu 500 tunnellata (erga omnes) fil-kwota tar-rata tariffarja tal-UE għal "qatħat tat-tiġieġ, friski, imkessħa jew iffriżati", filwaqt li jinżammu r-rati tal-kwota kontinġenti eżistenti (numri tariffarji tal-prodott 0207 1310, 0207 1320, 0207 1330, 0207 1340, 0207 1350, 0207 1360, 0207 1370, 0207 1420, 0207 1430, 0207 1440, 0207 1460);

Jiżdiedu 400 tunnellata (erga omnes) fil-kwota tar-rata tariffarja tal-UE għal "qatħat tal-pollam", filwaqt li tinżamm ir-rati tal-kwota kontinġenti ta' 795 EUR/t (numru tariffarju tal-prodott 0207 1410);

Jiżdiedu 580 tunnellata (erga omnes) fil-kwota tar-rata tariffarja tal-UE għal "laħam tad-dundjan, frisk, imkessħa jew iffriżat" filwaqt li jinżammu r-rati tal-kwota kontinġenti eżistenti (numri tariffarji tal-

prodott 0207 2410, 0207 2490, 0207 2510, 0207 2590, 0207 2610, 0207 2620, 0207 2630, 0207 2640, 0207 2650, 0207 2660, 0207 2670, 0207 2680, 0207 2730, 0207 2740, 0207 2750, 0207 2760, 0207 2770);

Jekk il-proċeduri interni kollha meħtieġa biex l-UE tinkorpora b'mod vinkolanti l-modifiki stipulati f'din l-ittra fl-iskeda tad-WTO tagħha ma jitlestewx sa 60 jum qabel ma jiskadi l-perjodu għall-Istati Uniti biex teżerċita d-dritt tagħha li tirtira konċessjonijiet sostanzjalment ekwivalenti skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT, l-UE għandha titlob lill-Kunsill tad-WTO għall-Kummerċ fil-Merkanzija jaaprova estensjoni għall-perjodu qabel ma dan jiskadi. Estensjoni ta' dan it-tip għandha tkun twila biżżejjed biex tiżgura li dawk il-proċeduri interni kollha tal-UE jitlestew sa 60 jum qabel ma jiskadi l-perjodu għall-Istati Uniti biex teżerċita drittijietha skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT.

2. Fil-waqt tan-negożjati tal-modifiki stipulati hawn fuq, kif ukoll dawk relatati mat-tkabbir tat-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea biex dan ikun jinkludi r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, l-Istati Uniti tal-Amerika, għandhom fi żmien 21 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim, jibagħtu għall-publikazzjoni fir-Reġistru Federali, avviż li jimmodifika l-kwoti ta' importazzjoni tar-rata tariffarja għall-ġobnijiet allokati għall-Unjoni Ewropea fin-noti addizzjonali tal-Istati Uniti 16, 17, 18, 19, 20, 21, 22, 23 u 25 tal-Kapitolu 04 tal-Iskeda Tariffarja Armonizzata tal-Istati Uniti biex din tirrifletti t-tkabbir tat-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea biex dan ikun jinkludi l-Bulgarija u r-Rumanija.

3. Jistgħu jsiru konsultazzjonijiet fi kwalunkwe mument rigward il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq, fuq talba ta' waħda mill-partijiet.

Napprezzza jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel mal-kontenut ta' din l-ittra. Għandi l-unur niproponilek li jekk ikun il-każ, din l-ittra flimkien mal-konferma tiegħek ikunu jikkostitwixxu Ftehim f'għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika (il-"Ftehim").

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti għandhom jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub dwar it-tlestija ta' kwalunkwe proċeduri interni li jkunu neċċesarji għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fi żmien 14-il jum wara d-data tal-wasla tal-aħħar notifika."

B'dan għandi l-unur nesprimi l-qbil tal-Gvern tiegħi mal-ittra ta' hawn fuq.

Dejjem tiegħek,

F'isem l-Istati Uniti tal-Amerika